MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru. 541/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**
**Anthony Delia ta’ 33 sena, bin John u Rita nee’ Bartolo imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Ottubry 1973 u joqghod 45/4 Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 2274(M)**

U

**Jason Delia ta’ 29 sena bin John u Rita nee’ Bartolo imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Dicembru 1977 u joqghod 199/3, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla detentur tal-karta ta’l-identita’ 54678(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Anthony u Jason Delia li gew akkuzati talli fil-31 ta’ Marzu 2007 ghal habta tas-6:30p.m. waqt li kienu fil-Ponta ta’l-Isla:

1. ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq Martin Pace skond ma iccertifika Dr. Sammut M.D. ta’l-Isptar San Luqa, offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Rhys Fiteni, Connie Pace u Ryan Bartolo skond ma iccertifikaw Dr. R. Gauci MD, Dr.A.Bugeja MD, u Dr.M.Abela MD rispettivament mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid u dana bi ksur ta’l-artikolu 216, 218, 221(1) tal_Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamlu hsara fil-vettura BBQ148 ta’l-ghamla Volvo ta’ Martin Pace minn Rahal il-Gdid, liema hsara hija ta’ iktar minn Lm50 (hamsin lira maltin) izda mhux iktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta’l-istess Martin Pace u dana bi ksur ta’l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. akkuzati ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghal Martin Pace, Rhys Fiteni, Connie Pace u Ryan Bartolo u dana sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew ighamlulhom hsara u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. akkuzati ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. akkuzati ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi imbuttaw lill-imsemmi Martin Pace, Rhys Fiteni, Connie Pace u Ryan Bartolo u dana sabiex iwegghuhom jew

jinsulentawhom u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi,

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali ta’ l-10 ta’ Settembru 2007.

Semghet illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni illi dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Rat illi l-partijiet leza u cioe’ Rhys Fiteni, Connie, Pace u Ryan Bartolo irrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfornt taz-zewg imputati u dana ghal dawk l-akkuzi li huma rinunzjabbli skond il-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-kawza ghandha bhala sfond taghha glieda bejn grupp ta’ nies fejn kienu involuti iz-zewg imputati. Illi b’konsegwenza ta’ dina it-taqtiegha, Martin Pace, Ryhs Fiteni, Connie Pace u Ryan Bartolo kollha sofrew xi griehi. Illi mid-Dokumenti JD5, JD6, JD7 u JD8 esebiei mill-prosekuzzjoni (fols.18 sa 22) jirrizulta illi filwaqt illi in-natura tal-feriti ta’ Martin Pace gew indikati bhala feriti ta’ natura gravi, dawk tat-tlieta l-ohra huma ikklasifikati bhala feriti ta’ natura hafifa. Illi tlieta minn dawn ic-certifikati gew debitament ikkonfermati quddiem dina l-Qorti mit-tobba li irrilaxxjaw l-istess, izda ic-certifikat Dokument JD5 rilaxxjat fil-konfront ta’ Martin Pace, qatt ma gie debitament ikkonfermat mit-tabib li ezamina lill-istess Pace.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi Connie Pace, Rhys Fiteni u Ryan Bartolo irrunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taz-zewg imputati u dana kif jirrizulta mill-verbal ta’l-10 ta’ Novembru 2008 u id-dokumenti esebiti a fol. 81 u 82 tal-process immarkati bhala Dokumenti RB u CP. Illi fix-xhieda tieghu a folio 78 tal-process Martin Pace ukoll

jiddikjara illi qiegħed jaħfer lill-imputati għal dana l-incident u qiegħed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputati anke għar-rigward tal-ħsara illi huwa sofra fil-vettura tiegħu. Igħid inoltre illi huwa ma għadu isofri l-ebda dizabilita b'konsegwenza ta' dana l-incident, illi l-feriti li sofra illum fiequ u inoltre huwa għamel *replacement* għas-sinna li tilef.

Illi mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni f'dina l-kawza, irrizulta ippruvat illi l-feriti li sofra Martin Pace gew ikkagunati miz-zewg imputati. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Charmaine Delia kif ukoll ta' Ryan Bartolo li kienu zewg xhieda okulari. Jidher illi Martin Pace gie involut fil-glieda intortament meta huwa mar sabiex iferraq lill-imputati meta huma kienu jiggieldu ma' Charmaine Delia u Ryan Bartolo u minflok laqqat id-daqqiet huwa bil-konsegwenza li sofra il-griehi indikati fid-Dokument JD5. Madanakollu l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova mingħajr ebda dubbju illi l-feriti li sofra Martin Pace kienu fil-fatt feriti ta' natura gravi kif dettat mil-ligi fl-artikolu 216 tal-kapitolu 9. Kwindi l-Qorti tista' issib ħtija biss għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 221 u cioe' għal feriti ta' natura ħafifa biss. Illi kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq jirrizulta mix-xhieda ta' Martin Pace illi huwa ħafer lill-imputati għall-incident u irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti ma tista' timponi l-ebda piena fid-dawl ta' dina r-rinunzja.

Illi l-istess jista' jingħad għall-ewwel akkuza fejn dina tirrigwarda lit-tlett persuni l-oħra u cioe' lil Ryan Bartolo, Rhys Fiteni u Connie Pace, kif ukoll għar-rigward tat-tielet u l-ħames akkuzi, peres illi dawna huma prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza. Fid-dawl tar-rinunzji indikati iktar 'il fuq magħmula minn dawn it-tleita min-nies għalhekk, l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom u tiddikjara il-procediment ezawrit għar-rigward ta'l-istess.

Illi għalhekk jibqgħu l-akkuzi dwar il-ħsara volontarja fil-vettura proprjeta ta' Martin Pace a tenur ta'l-artikolu

325(1)(b) tal-Kapitolu 9, u ir-raba akkuza ta’ natura kontravenzjonali ta’ ordni pubblika. Illi ghar-rigward ta’l-akkuza tal-hsara volontarja fil-vettura ta’ Martin Pace, ma jirrizulta minn imkien mix-xhieda illi fil-fatt kienu iz-zewg imputati li ikkagunaw il-hsara indikata fid-Dokument JD9. Jidher illi l-hsara fil-vettura kienet fil-bieba , kif johrog mix-xhieda ta’ Aldo Muscat a fol.45 tal-process. Huwa ighid illi il-bieba tal-passiggier kienet illevata mal-mudguard u hekk kif infethet inqalghet iz-zebgha. Ighid illi dina l-hsara hija kompatibbli ma’ azzjoni ta’ persuna li qieghed jipprova jerfa’ il-bieba ‘il fuq. Illi mix-xhieda ta’ Clayton u Rhys Fiteni jidher illi l-imputat Anthony Delia fetah il-bieba tal-vettura u minn imkien ma jidher illi huwa beda jipprova jilleva dina l-bieba jew ghamlilha xi hsara ohra. Martin Pace, min-naha tieghu, isostni illi huwa ma jafx min f’dina ir-rissa ghamel il-hsara li sab fil-vettura tieghu. Ghaldaqstant lanqas dina l-akkuza ma giet ippruvata u l-Qorti sejra tillibera lill-imputati mill-istess.

Illi ghalhekk l-unika akkuza li jifdal hija ir-raba akkuza u cioe’ l-akkuzi kontravenzjonali ta’ ordni pubblika. Illi l-imputati huma akkuzati illi qalu kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku u li ghamlu xi atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku biex b’hekk offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dana bi ksur ta’l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9. Illi mix-xhieda imressqa f’dina l-kawza jirrizulta illi dina kienet tirrigwarda rissa bejn bosta nies li fiha uhud minnhom, inkluzi l-imputati stess sofrew xi griehi u gew ikkagunati ukoll xi hsarat kemm fil-vettura ta’ Martin Pace, kif ukoll f’dik ta’l-imputati. Minn imkien mix-xhieda ma jirriuzlta illi saru xi atti indicenti jew gesti oxxeni fil-pubbliku. Ghar-rigward tad-dagha jew kliem oxxen l-ebda wiehed mix-xhieda li instemghu quddiem il-Qorti, ma ighidu illi l-imputati jew xi hadd minnhom kien qieghed jidghi. Certament illi storbju u ghajjat kien hemm minn kulhadd, izda hadd mix-xhieda ma xehed fir-rigward tad-diskors li inghad u jekk kienx hemm xi kliem konsistenti f’dagha jew xi kliem indicenti iehor. Ghaldaqstant l-anqas dina l-akkuza ma tirrizulta ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1) u (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara l-procediment esawrit ghar-rigward ta'l-ewwel, it-tielet u l-hames akkuzi fir-rigward ta' Rhys Fiteni, Connie Pace u Ryan Bartolo, tiddikjara il-procediment esawrit ukoll fir-rigward tal-parti offiza Martin Pace u dana fid-dawl tal-fatt illi irrizulta illi l-imputati ikkagunaw feriti ta' natura hafifa biss fuq il-persuna ta' Martin Pace, u tillibera lill-imputati mill-kumplament ta'l-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------